MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 122/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**Francis Bezzina**

Dan huwa appell tal-ħati minn dik il-parti tas-sentenza li sabet li kien reċidiv, u mill-piena.
Fit-2 ta' Marzu 2001 l-appellant tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixli talli:
1. f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-aħħar xhur, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda ikkometta diversi reati kif igħid l-art. 18 tal-Kodiċi Kriminali;
2. f'tal-Balal, limiti ta' Birkirkara fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Ottubru 2000 ikkometta serq ta' diversi apparat tal-*computers*, xorb u oggetti ohra, li jiswew aktar minn elf lira (Lm1,000) għad-dannu ta' Rueben Farrugia u/jew tal-

kumpanija *Farsons*, u dan is-serq huwa aggravat bil-mezz, ħin u valur;

3. fit-2 ta' Ottubru 2000 jew fil-jiem ta' qabel minn *Casa d'Arte*, Labour Road, Naxxar matul il-ġurnata seraq diversi għodod li jiswew aktar minn mitt lira (Lm100) iżda anqas minn elf lira (Lm1,000) għad-dannu ta' George Pace, u dan is-serq huwa aggravat bil-valur u bil-mezz;

4. fit-30 ta' Settembru 2000 minn *garage* fi Triq l-Imdina, Ħaż Żebbuġ, matul il-ġurnata seraq diversi għodod li jiswew aktar minn mitt lira (Lm100) iżda anqas minn elf lira (Lm1000) għad-dannu ta' John Bonello minn Ħaż Żebbug, u dan is-serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur;

5. fil-11 ta' Ottubru 2000 u fil-ġranet ta' qabel mill-Imrieħel, limiti ta' Hal Qormi, matul il-ġurnata seraq makna tal-ġebel, jew *Band Saw*, li tiswa aktar minn mitt lira (Lm100) iżda anqas minn elf lira (Lm1000) għad-dannu ta' Saviour Agius mill-Iklin, u dan is-serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur;

6. mill-Miżieb fix-xahar ta' Awissu matul il-ġurnata seraq pompi tal-bexx u ta' l-ilma kif ukoll xi fniek li jiswew aktar minn mitt lira (Lm100) iżda anqas minn elf lira (Lm1000) għad-dannu ta' Karmenu Galea, u dan is-serq huwa aggravat bil-lok u bil-valur;

7. f'dawn l-aħħar xhur flimkien ma' persuni oħra, f'diversi lokalitajiet ta' Malta, f'ħinijiet differenti, seraq kemm-il darba ħoroż u ġebel ieħor, li jiswew aktar minn mitt lira (Lm100) iżda anqas minn elf lira (Lm1000) għad-dannu ta' diversi sidien;

8. fit-18 ta' Frar 2001, minn *Benny's Antiques* Ħal Balzan, fil-għaxija, seraq diversi oġġetti antiki, fosthom arloġġ u gandlieri li jiswew aktar minn elf lira (Lm1000) għad-dannu ta' Winston Cumbo Pillow, u dan is-serq huwa aggravat bil-mezz, valur u ħin;

9. fil-Mosta mill-ħanut *ta' Natu* fi Triq il-Kungress, seraq diversi kaxxi tal-luminata, li huma stmati li jiswew aktar minn ħamsin lira (Lm50) għad-dannu tas-sidien rispettivi tagħhom, u dan is-serq huwa aggravat bil-mezz u l-ħin;

10. fl-istess dati, f'diversi lokalitajiet f'ħinijiet u ċirkostanzi differenti, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u din il-ħsara taqbeż is-somma ta' ħamsin lira

(Lm50) iżda hija anqas minn ħames mitt lira (Lm500), għad-dannu tas-sidien rispettivi tal-ħwejjeġ imħassra;

11. fis-7 ta' Frar 2001, minn Burmarrad, bil-lejl seraq pompa ta' l-ilma u tal-bexx li jiswew aktar minn elf lira (Lm1000) għad-dannu ta' Giovanni Camilleri, u dan is-serq huwa aggravat bil-valur, hin u lok;

12. fit-23 ta' Frar, 2001, minn Naxxar, matul il-ġurnata seraq mutur tal-għamla *Triumph* bla numru tar-reġistrazzjoni li jiswa aktar minn ħamsin lira (Lm50) għad-dannu ta' Carlo Attard jew ta' terzi persuni;

13. fl-istess dati, żminijiet u ċirkostanzi laqa' għandu, jew xtara, ħwejjeġ misruqa jew miksuba b'qerq, u dawn il-ħwejjeġ inkisbu b'reati sew jekk dawn saru f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibigħhom jew imexxihom; u

14. huwa recidiv b'diversi sentenzi li huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra jew mibdula.

B'sentenza tat-30 ta' Marzu 2006 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-appellant Francis Bezzina ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba kontrieh ħlief għal dik li laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, li minnha ħelsitu, sabet ukoll li huwa reċidiv, u, wara li rat l-artt. 18, 261, 263, 267, 269, 270, 278, 279 325(*d*), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu għal tliet (3) snin priġunerija u ordnat il-konfiska tal-vetturi li l-appellant inqeda bihom biex għamel ir-reati msemmija.

B'rikors ta' l-appell tal-11 t'April 2006 l-appellant talab illi din il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn sabet illi kien reċidiv, twettaqha f'dik il-parti fejn ma sabitux ħati, u tagħti piena anqas ħarxa.

L-aggravju ta' l-appellant huwa illi l-ewwel qorti ma setgħetx qisitu reċidiv għax l-istess qorti f'kawża oħra kienet ġà qisitu reċidiv minħabba f'dawk ir-reati li minħabba fihom reġa' kien meqjus reċidiv fis-sentenza li minnha sar l-appell; ma setax isir reċidiv darbtejn fuq l-istess sentenzi. Għalhekk il-piena mogħtija għandha tonqos bl-istess grad jew tnejn li bihom l-ewwel qorti żiditha minħabba r-reċidiva.

Barra minn hekk, l-appellant igħid ukoll illi l-piena kienet ħarxa żżejjed, meta tqis illi hu ikkopera bis-sħiħ mal-pulizija u issa irreforma ruħu, qiegħed jaħdem b'mod regolari u qabad it-triq it-tajba, u meta tqis ukoll illi kien

hemm "dewmien esaġġerat" fil-proċeduri u kemm ilu għaddej il-proċess l-appellant għadda minn *hardship* kbir.

Dwar ir-reċidiva, l-ewwel qorti qalet hekk fis-sentenza appellata:

… … … ġiet preżentata sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (diversament preseduta) fejn l-akkużat u persuna oħra fis-27 ta' Ġunju 1997 instabu ħatja ta' serq ta' aktar minn mitt lira (Lm100) iżda anqas minn elf lira (Lm1,000) aggravat bil-mezz u l-valur. L-akkużat kien ammetta l-akkuża flimkien ma' akkuża oħra ta' reċidiva. Ġie ikkundannat mitejn u ħamsin lira (Lm250) multa bl-applikazzjoni ta' l-art. 21 tal-Kap. 9. Kirriżulta li l-akkużat hu reċidiv.

Is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 1997 kienet sabet li l-appellant kien reċidiv minħabba sentenza oħra mogħtija qabel, u mhux, naturalment, minħabba fl-istess sentenza tas-27 ta' Ġunju 1997. Issa, fis-sentenza appellata, reġa' nstab reċidiv, mhux minħabba s-sentenza ta' qabel iżda minħabba s-sentenza tas-27 ta' Ġunju 1997. Għalhekk ma hu minnu xejn illi nstab reċidiv darbtejn minħabba sentenzi li ġà kienu meqjusa meta nstab reċidiv qabel.

L-aggravju ta' l-appellant mhux biss ma huwiex ġustifikat iżda huwa frivolu għall-aħħar għax qiegħed igħid illi min ikun reċidiv għal aktar minn darba għandu jkun stmat aħjar minn min ikun reċidiv għall-ewwel darba.

Dwar il-piena, meta tqis illi l-appellant kien reċidiv, kien ħati ta' reat kontinwat ta' serq aggravat bil-valur, bil-mezz, bil-ħin u bil-lok, issib illi l-piena mogħtija mill-ewwel qorti mhux biss ma kinitx ħarxa iżda x'aktarx kienet ħafifa aktar milli kellha tkun. Jekk l-appellant issa irriforma ruħu, din hija ħaġa tajba iżda ma tfissirx illi għandu jinħeles mill-piena, għax, wara kollox, ir-riforma tal-ħati flimkien mal-ħarsien tas-soċjetà hija l-għan ewlieni tal-piena.

Dwar id-dewmien tal-proċeduri għandu jingħad illi tassew illi l-proċeduri quddiem l-ewwel qorti nbdew fit-2 ta' Marzu 2001 u ntemmu bis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2006 – ftit aktar minn ħames snin. Iżda meta tqis in-numru ta' serq li tiegħu hu ħati l-appellant, dan ma huwiex żmien esaġġerat. Min, minħabba fin-numru ta' drabi li jikser il-liġi, ikun jeħtieġlu proċess itwal minn ta' ħaddieħor ma jistħoqqlux li ta' hekk ikun ippremjat bi tnaqqis fil-piena.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u twettaq f'kollox is-sentenza li minnha sar l-appell. Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta' din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------